"Kif inti ma! Intix tajba?" nstama' jgħid Sander. "Jiena ninsab qawwi u sħiħ u tħabbelx moħħok fuqi". Is-Sinjura Neż rasset idha fuq qalbha. "Hawn jien qiegħed tajjeb u ma jonqosni xejn, biss ma nistax nissabbar għax imbiegħed minnek." Lill-midruba ħarġetilha karba minn qiegħ qalbha, it-tabib għafsilha idejha, is-Soru bdiet tmellsilha xagħarha, il-qassis fetaħ il-ktieb tat-talb. "Ma! jiena nibgħat inselli għalik u nitlob il-barka tiegħek" Xofftejn is-Sinjura tħarrku biex tbierku. "Tgħid indumu ma niltaqgħu? Meta jkollna x-xorti li nerġgħu naraw lil xulxin?" Is-Sinjura Neż refgħet għajnejha lejn is-sema donnha biex tfisser li hemm fuq kellhom jiltaqgħu hi u binha, tbissima tal-ġenna feġġet fuq offxtejha, mejlet rasha u ruħha ttajret lejn is-sema.

Ġużè Galea

# LIL IBNI *HERMAN-BARUCH*

Żmien aħrax u qalil, waħxi u tal-biża',
mgħar'rar fi xmajjar ta' nirien u dmija,
tak il-bewsa tal-ħajja.
Iżd'int, ibni, tibżax: ruħ imbikkija
il-lum, għada ferħana.
Bejn twelidek u l-milja ta' dil-ġrajja
hemm rabta hekk sħiħa u kbira
li biss jifhimha min hu wild il-għana
u għandu qalbu bgħid mid-dinja rsira.

Twelidtli, Herman, fi żmien l-eqqel gwerra
li qatt ġarrbet il-ġnus. Sbejħa u ħanina,
iżda, kienet għalik ix-xemx t'Awissu
fi sbiħ it-tlieta-w-għoxrin jum: irżina
fawret il-ħajja fik,
għajnejk imtlew bid-dija,
qalbek ħabbtet qawwija,
ferfru idejk u riġlejk,
u gwerra oħra mostura bdiet għalik.

Għandek, ibni, quddiemek
triq bil-wisq iebsa u twila
x'timxi w itterraq sa ma jasal tmiemek.
La tkunx ġifa u beżgħan; kun qlubi: u l-ħila
ma tonqsok qatt; ta' tlugħek



tiqafx fin-nofs, għax terġa' f'qiegħek; lura
m'għandek għax tħares qatt: qalbek u ruħek
żommhom f'għajnejk miġbura
dejjem mitfugħa 'l fuq.
Inkella ma tirbaħx: u tgħix imjassar
u mżeblaħ u misħuq
taħt għarqub il-qawwiet tad-dlam u d-dnewwa;
u ma ssib qatt id-dawl tal-ħaqq u s-sewwa;
u għomrok jisfa' qabar ħajtek mejta;
u ktieb ir-rebħ u l-ħelsien tiegħek, ibni,
jibqa' għal dejjem mitbuq.

Alla, Dinek u Lsienek
qis li jkunu s-sisien
sħaħ tal-maqdes ta' ruħek,
ta' qalbek u ta' moħħok:
għal dawn ma jista' ħadd, anqas iż-żmien.
Ħobbhom, għożżhom u qimhom
għax fihom
hemm kull barka u kull sliem.
Ħallihom
'l egħdewwa kontrihom
jitqabdu kemm jifilħu u mingħajr tmiem....
Jasal fl-aħħar il-ħin
li int tissielet magħhom
u tirbaħhom
u titfagħhom
f'qiegħ id-degħbien tal-mewt tal-minsijin.

Ftakar, ibni maħbub, ftakar li jismek
*Gwerrier tal-Paċi!*
Sehmek mela t-taqbid;
dmirek rebħa ta' sliema!
Ħajjet il-ġens tal-bniedem
mhix ħlief silta dejjiema.
B'Alla tiegħek
dejjem miegħek,
tqabad u ssielet mingħajr biża' w irbaħ:
rodd lil Pajjiżek l-hena, ir-riżq u l-ġid.

Karmenu Vassallo.

*Paceville, Spinola*
8—10.10.'42